# Malta Pool Association

1989

# Stagun 2023/24

# Informazzjoni Generali

### Generali

Il-Malta Pool Association giet imwaqqfa f' Lulju tas-sena 1989 u hija rikonoxuta minn Sportsmalta, Kumitat Olimpiku Malti, European Eight Ball Pool Federation u World Eight Ball Pool Federation

Indirizz: P.O Box 13, Qawra

Tel. No: 79499117

Website:
www.maltapoolassociation.net

E-mail:
vincentdegiorgio@gmail.com

### SUMMARJU


| | |
|---|---|
| Stagun 2023/24 | 1 |
| Registrazzjonijiet Kampjonati u Hlas | 2 |
| Ranking Tournaments | 3 |
| Kalendarju Stagun 2023/24 | 4 |
| Kampjonati Individwali 2024 | 5 |
| Knockout, Christmas, | 6 |
| Kampjonati Ewropej Irlanda 2024 | 7 |
| Kampjonati Mondjali Marok 2023 | 8 |


27 ta' Lulju 2023 — Newsletter 1

## Stagun 2023/24

Ghall-hamsa u tlettin sena konsekuttiva l-Malta Pool Association hejjiet program ta' attivitajiet ghall-istagun li gej li ser jara l-bidu tieghu fil-21 ta' Awissu. L-applikazzjonijiet ghas-shubija fl-assocjazzjoni huma miftuha u ser jintlaghqu sa' mhux izjed tard mis– 17 ta' Novembru. Dawn jistghu jintbaghtu fl-indirizz tal-assocjazzjoni jew jigu prezentati, flimkien mar-registrazzjonijiet u formoli ohra, lis-segretarju tal-assocjazzjoni personalment fid– 29 ta' Settembru, bejn is–7.30 pm u t-8.30 pm, gewwa l-Kazin Band San Gorg Martri, Qormi. Il-formola ta' shubija qeda tigi mehmuza ma' dan il-fuljett u l-hlas tal-istess shubija huwa ta' € 50 ghal kull club. L-affiljazzjonijiet huma miftuha ghal kull club, bar jew kazini sahansitra dawk politici.

Fost diversi attivitajiet bhal kull stagun l-assocjazzjoni ser torganizza l-kampjonati nazzjonali tat-timijiet maqsum f' erba divizjonijiet u ser jigu organizzati 6 ranking tournaments li minnhom ser jintghazlu t-timijiet li ser jirraprezentaw lil Malta fil-kampjonati Ewropej u Mondjali.

## Kumitat Ezekuttiv - Perjodu 2023/24 sa' 2025/26

L-assocjazzjoni hija mmexija minn kumitat li jigi elett demokratikament mill-membri tal-assocjazzjoni f' elezzjonijiet li jsiru kull tliet snin

| | | |
|---|---|---|
| President: | Charlie Cilia | Tel: 79490206 |
| Vici President: | Charles Peresso | Tel: 77657756 |
| Segretarju: | Vincent Degiorgio | Tel: 79499117 |
| Tezorier: | Pasquale Sciberras | |
| Membri: | Brian Grech, | |
| | Lothar Mallia, | |
| | Noel Cassar | |
| | Mario Spiteri | |
| | Vince Saliba | |

# REGISTRAZZJONI TA' TIMIJIET U PLAYERS

Il-program ta' attivitajiet tat-timijiet f' dan l-istagun jinkludi l-kampjonati nazzjonali tat-timijiet, maqsuma f' erba divizjonijiet, zewg kompetizzjonijiet knockout, riservati ghall-kategoriji differenti, kompetizzjonijiet tal-Milied u l-Ghid il-Kbir, kif ukoll Super Cup.

Il-formoli kollha ghandhom jigu ritornati lis-segretarju tal-assocjazzjoni, flimkien mal-hlas, sa' mhux izjed tard mid-29 ta' Settembru 2023. Fl-istess data tal-gheluq is-segretarju tal-assocjazzjoni ser ikun gewwa Kazin Banda San Gorg Martri, Qormi, bejn is-7.30 pm u t-8.30 pm biex jilqgha dawn ir-registrazzjonijiet, formoli u l-hlas rispettiv. Timijiet li jixtiequ jiehdu sehem biss fil-kampjonati tat-timijiet jistghu jirregistraw it-tim u l-players sa' mhux izjed tard mis-17 ta' Novembru 2023.

Kull player ghandu jimla formola tar-registrazzjoni ghal dan l-istagun. Players li qatt ma laghbu f' kampjonati tal-assocjazzjoni jridu jipprovdu kopja tal-ID Card tal-gvern minn quddiem u wara. Dawn ghandhom jigu mehmuza mal-formola tar-registrazzjoni. Players ta' cittadinanza barranija jridu jipprovdu kopja tal-passaport. Kull club jista' jirregistra aktar minn tim wiehed fil-kampjonati kif ukoll numru ta' players kemm irrid.

<u>Perjodi ta' registrazzjonijiet godda :</u>

Perjodu 1 - 27/07/23 sad-29/09/23 - **€ 13**

Perjodu 2 - 01/11/23 sal-15/12/23 - **€ 15**

Perjodu 3 - 22/02/24 sal-01/03/24 - **€ 15**

**<u>Perjodi ohra ta' registrazzjonijiet godda :</u>**

Perjodu 4 - 17/12/23 sat-16/02/24 - **€ 25**

Perjodu 5 - 06/03/24 sal-12/04/24 - **€ 35**

<u>Perjodu ta' trasferimenti bejn clubs differenti:</u>

Minn 05/12/23 sal-01/03/24 - **€ 100**

<u>Perjodu ta' trasferimenti bejn timijiet fl-istess club:</u>

Minn 05/12/23 sal-01/03/24 - € 25

## HLAS

Il-hlas, <u>ghal kull team,</u> ghall-kampjonati nazzjonali tat-timjiet ghandu jkun kif gej:

€ 65 Kull team ghall-kampjonati tat-timijiet **<u>JEW</u>**

€ 130 Kull team ghall-kampjonati tat-timijiet, Knockout, Christmas Cup u Easter Cup

€ 13 Ghal kull player registrat

€ 70 Depozitu ghal kull club (Dan jinghata lura fil-bidu tal-istagun segwenti)

**<u>Timijiet godda u dawk li jilaghbu fl-anqas divizjoni jaghzlu preferenza ta' hlas kif gej:</u>**

€ 120 Ghall-ewwel tim li jinkludi 8 players u dhul fil-kampjonati nazzjonali tat-timijiet. **<u>JEW</u>**

€ 160 Ghall-ewwel tim li jinkludi 8 players u dhul fil-kampjonati tat-timijiet, knockout, kompetizzjoni tal-Milied u dik tal-Ghid il-Kbir.

Registrazzjonijiet ta' aktar players jistghu jsiru ghal hlas addizjonali ta' €13 ghal kull registrazzjoni.

# PREMJIJIET - Kampjonati tat-Timijiet

| | | |
|---|---|---|
| **Kampjonati Premier** | **1) € 750** | **2) € 250** |
| **L-Ewwel Divizjoni** | **1) € 450** | **2) € 150** |
| **Tieni Divizjoni** | **1) € 300** | **2) € 100** |
| **Tielet Divizjoni** | **1) € 225** | **2) € 75** |

**+**



**€ 2,300**

# Ranking Tournaments

## *Gewwa Kazin Banda San Gorg, Qormi*

L-assocjazzjoni hejjiet program impenjattiv ta' Ranking Tournaments. F' dan l-istagun ser jigu organizzati 6 'Ranking Tournaments' ghal kategoriji tal-Irgiel, Under 18's, Under 23's, Over 50's u Over 60's. It-'tournaments' tal-irgiel, Under 23's, Over 50's u Over 60's ser ikunu miftuha ghall-players li ser jigu registrati fit-timijiet li ser jiehdu sehem fil-kampjonati tat-timijiet filwaqt li t-'Tournaments' Under 18 ser ikunu miftuha ghal kull player. It- 'tournaments' taz-zghazagh U/18 u U/23 ser ikun miftuha ghall-players li ma jkunux ghalqu t- tminttax u t-tlieta u ghoxrin sena sal-ahhar ta' Dicembru 2023. Participanti fil-kategorija O/50's u O/60's iridu jkunu ghalqu z-zmien rispetiv ta' 50 u 60 sena sal – 31 ta' Dicembru 2023.

L-organizzazjoni tal-kampjonati Mondjali 2024 gewwa l-Awstralja ser tigi konfermata fl-ewwel gimgha ta' Ottubru 2023. F' kaz li dawn il-kampjonati jigu kancellati s-sitt Ranking Tournaments isservu ghall-kwalifikazzjoni ghall-kampjonati Ewropej li ser issiru gewwa l-Irlanda bejn it-23 u d-29 ta' Frar 2024. Wara d-decizjoni finali l-assocjazzjoni tkun f' possizjoni li tiddeciedi l-participazzjoni ta' Malta fil-kampjonati mondjali 2024. F' kaz ta' participazzjoni l-ewwel erba' ranking tournaments isservu ghall-kwalifikazzjoni ghall-kampjonati Ewropej u l-ahhar zewg tournaments jintlaghbu biex jintaghzlu l-participant ghall-kampjonati mondjali.

F' kaz li l-ahhar zewg tournaments isservu ghall-kwalifikazzjoni tal-kampjonati mondjali l-players kollha jibdew minghajr punti u tinzamm klassifika separata.

Kull player rebbieh tal-ewwel erba' Ranking Tournaments, fil-kategoriji tal-Irgiel u Over 50's, ma jkomplix jiehu sehem fl-istess erba' Tournaments u jikkwalifika diretament fit-tim nazzjonali Ewropej rispettivament.

Fil-kategoriji tal-Under 18's, Under 23's u Over 60's ir-rebbieha tal-ewwel zewg tournaments ma jkomplux jilghabu fl-ewwel erba tournaments u jirbhu post direttament fit-tim nazzjonali rispettiv.

Sakemm titiehed id-decizjoni finali tal-participazzjoni tal-kategoriji fil-kampjonati Ewropej u Mondjali, kull player jista' jilghab f' kategorija wahda bl-eccezzjoni tal-participanti fil-kategorija Under 23 li jistghu jilghabu f' zewg kategoriji nkluz dik tal-irgiel.

F' kaz li players ma jirregistrawx ma' tim sad– 29 ta' Settembru dawn jigu kancellati mit-tournaments u jitilfu kull dritt li jkunu kisbu sal-istess data.

L-ghazliet tat-timijiet nazzjonali Ewropej u Monjdali jidhru f' pagna sussegwenti.

<u>Seedings f' kull tournament:</u>

Kategorija Irgiel - 8 players, Under 23's - 2 players, Under 18's - 2 players, Over 50's - 4 players, Over 60's - 2 players

<u>Kalendarju:</u>

Tournament 1 - 21/08/23 sal– 31/08/23

Tournament 2 - 14/09/23 sas– 26/09/23

Tournament 3 - 27/09/23 sas– 06/10/23

Tournament 4 - 16/10/23 sas– 26/10/23

Tournament 5 - 20/11/23 sas– 07/12/23

Tournament 6 - 12/12/23 sad- 29/12/23

## RANKING TOURNAMENTS NO. 1

L-ewwel serje ta' 'Ranking Tournaments' ser tintlaghab bejn il– 21 u l-31 ta' Awissu. Ir-registrazzjonijiet huma miftuha u ser jigu milqugha sa' mhux izjed tard mill– 11 ta' Awissu. Players interessati ghandhom jirregistraw fuq il-formula eletronika minn fuq il-Pagna Facebook b' isem Malta Pool Association jew permezz tas-sitt eletroniku www.maltapoolassociation.net. Il-poloz ser jittellghu fit– 12 ta' Awissu gewwa Kazin Band San Gorg, Qormi fid– 9.30 am u jigu publikati fuq is-sit u pagna ta' 'Facebook' tal-assocjazzjoni. **L-assocjazzjoni tinforma li l-hlas tat-tournaments kollha jrid issir mar-registrazzjoni permess ta' Revolut jew BOV Mobile App fuq 79499117. L-ebda entratura minghajr hlas immedjat ma ser tigi accettata.**

## HLAS - RANKING TOURNAMENTS (Under 18's bla hlas)

DHUL GHAL KULL TOURNAMENT - € 15 **Hlas ghandu jsir b' Revolut jew BOV Mobile App**

DHUL GHAL SITT TOURNAMENTS - € 80 **Hlas ghandu jsir f' daqqa b' Revolut jew BOV APP**

**PLAYERS LI MA JHALLSUX MAR-REGISTRAZZJONI MA JIGUX INKULZI FIL-POLZA**

# Kalendarju - Stagun 2023/24

| Kompetizzjoni | Ftuh tad-dhul | Gheluq tad-dhul | Poloz Data | Bidu Data | Tmiem Data |
|---|---|---|---|---|---|
| Clubs Affiliations | 27-Jul-23 | 17-Nov-23 | | | |
| Players/Teams Registrations Period 1 | 27-Jul-23 | 29-Sep-23 | | | |
| Players/Teams Registrations Period 2 | 01-Nov-23 | 15-Dec-23 | | | |
| Players Transfers Period | 05-Dec-23 | 01-Mar-24 | | | |
| Players Registrations Period 3 | 22-Feb-24 | 01-Mar-24 | | | |
| | | | | | |
| Ranking Tournaments Series 1 | 27-Jul-23 | 11-Aug-23 | 12-Aug-23 | 21-Aug-23 | 31-Aug-23 |
| Ranking Tournaments Series 2 | 28-Aug-23 | 01-Sep-23 | 05-Sep-23 | 14-Sep-23 | 26-Sep-23 |
| Ranking Tournaments Series 3 | 04-Sep-23 | 18-Sep-23 | 20-Sep-23 | 27-Sep-23 | 06-Oct-23 |
| Ranking Tournaments Series 4 | 25-Sep-23 | 06-Oct-23 | 07-Oct-23 | 16-Oct-23 | 26-Oct-23 |
| Ranking Tournaments Series 5 | 23-Oct-23 | 10-Nov-23 | 11-Nov-23 | 20-Nov-23 | 07-Dec-23 |
| Ranking Tournaments Series 6 | 27-Nov-23 | 03-Dec-23 | 05-Dec-23 | 12-Dec-23 | 07-Dec-23 |
| Open National Singles League | 01-Dec-23 | 20-Dec-23 | 23-Dec-23 | 03-Jan-24 | 05-Mar-24 |
| | | | | | |
| Team Knockouts | 27-Jul-23 | 29-Sep-23 | 06-Oct-23 | 24-Oct-23 | 01-Dec-23 |
| Christmas Cup 2023 | 27-Jul-23 | 29-Sep-23 | 23-Nov-23 | 04-Dec-23 | 27-Dec-23 |
| Easter Cup 2024 | 27-Jul-23 | 29-Sep-23 | 17-Feb-24 | TBC | 27-Mar-24 |
| | | | | | |
| Premier League | 27-Jul-23 | 17-Nov-23 | TBC | 06-Jan-23 | 12-May-23 |
| First Division League | 27-Jul-23 | 17-Nov-23 | TBC | 05-Jan-23 | 11-May-23 |
| Second Division League | 27-Jul-23 | 17-Nov-23 | TBC | 03-Jan-23 | 09-May-23 |
| Third Division League | 27-Jul-23 | 17-Nov-23 | TBC | 02-Jan-23 | 08-May-23 |
| League Play Off Stages & Finals | | | | 20-May-24 | 14-Jun-24 |
| | | | | | |
| Super Cup | | | | 12-Jun-23 | 12-Jun-23 |
| | | | | | |
| Annual General Meeting - 2024 | | | | TBC | TBC |
| | | | | | |
| Kampjonati Ewropej 2024 | | | | 24-Feb-24 | 29-Feb-24 |
| Kampjonati Mondjali 2024 | | | | TBC | TBC |

**L-assocjazzjoni jzomm id-dritt li tibdel dati minhabba esigenzi li jistghu jinqalghu**

### SEEDED PLAYERS REFERENZA REGOLAMENT NUMRU 5 - KAMPJONATI TAT-TIMIJIET

B' referenza ghar-regolament numru 5 tal-kampjonati, t-timijiet kollha li jipparticipaw fl-istess kampjonati ma jistghux jirregistraw aktar minn 3 players minn din il-lista li tinsab hawn taht:

1. Johan Attard
2. Gary Carr
3. Clayton Castaldi
4. Ryan Pisani
5. Phillip Coleiro
6. Ryan Falzon
7. Troy Zammit
8. Warren Falzon
9. Dejan Grech
10. Kevin Mercieca
11. Darren Schembri
12. Stephen Mangion
13. Joseph Casha
14. Wayne Pace
15. Keith Caruana
16. Wayne Bonnici
17. Clayton Attard
18. Anthony Zammit

# KAMPJONATI NAZZJONALI INDIVIDWALI

Il-kampjonati nazzjonali ndividwali Cisk tal-irgiel ser issiru gewwa l-Kazin Banda San Gorg Martri, Qormi, bejn t– 3 ta' Jannar u l– 5 ta' Marzu 2024. L-avveniment ser jintlaghab nhar ta' Erbgha u ser jinkludi massimu ta' 48 player li jintaghzlu kif gej:

- Il-hames rebbieha tal-ewwel hames Ranking Tournaments fil-kategorija tal-irgiel kif ukoll l-ewwel erba' u ghoxrin player fil-klassifika ta' punti tal-kategorija tal-irgiel fi tmiem il-hames Ranking Tournament
- L-ewwel zewg rebbieha tal- Ranking Tournaments fil-kategorija tal-Under 18's, Under 23's u Over 60's kif ukoll l-ewwel zewg players fil-klassifika ta' punti ta' kull kategorija fi tmiem il-hames Ranking Tournament.
- L-ewwel hames rebbieha tal-Ranking Tournaments fil-kategorija tal-Over 50's kif ukoll l-ewwel zewg players fil-klassifika ta' punti tal-kategorija tal-Over 50's fi tmiem il-hames Ranking Tournament

F' kaz li jkun hemm players minn kull kategorija li jirrifjutaw li jiehdu sehem l-ewwel prijorita biex jimtlew il-postijiet vakanti tinghata lil players mill-kategorija tal-irgiel.

SINCE 1929 CISK LAGER BEER

€ 1,000

Fl-ewwel fazi l-players jitqasmu fi tmien gruppi ta' sitt players u jintlaghab format ta' 'league'. Ir-rebbieha tal-gruppi jikkwalifikaw direttament mal-ahhar sittax filwaqt li l-players klassifikati fit-tieni u tielet post jikkwalifikaw ghal 'Playoff'. F' kaz li zewg players jew aktar jispiccaw b' punti ndaqs jigi kunsidrat il-konfront dirett. F' kaz ta' parita jigi kunsidrat t-total ta' frames mirbuha fil-loghob kollu tal-istess grupp u jekk dan ma jkunx bizzejjed jitqies id-differenza bejn il-frames mirbuha u mitlufa.

Il-hlas ghad-dhul ta' dawn il-kampjonati ser ikun ta' €25 ghal kull player. Ir-rebbieh tal-kampjonati jigi dikjarat champion nazzjonali, f' kaz ta' participazzjoni fil-kampjonati mondjali jirbah post fit-tim nazzjonali tal-kategorija li jkun qieghed jilghab fijha, jirbah premju ta' €1,000 u trofej filwaqt li l-finalist jirbah trofej.

**F' nuqqas ta' participazzjoni fil-kampjonati mondjali 2024, bit-tim nazzjonali tal-irgiel jew tal-kategorija, l-player rebbieh ma jzomm l-ebda drit ta' particiipazzjoni f' kampjonati internazzjonali sussegwenti.**

**Website:** **www.maltapoolassociation.net**

**Facebook Page:** **Malta Pool Association**

Like us on Facebook

# KNOCKOUT TAT-TIMIJIET

# PREMJIJIET TOTALI

**€ 1,200**

Bhal kull stagun l-assocjazzjoni ser torganizza zewg 'knockouts' ghat-timijiet wahda riservata ghat-timijiet li jilghabu fil-kampjonati Premier u l-Ewwel Divizjoni u ohra li tinkludi t-timijiet tat-Tieni u Tielet Divizjoni.

Il-loghob kollu jintlaghab fuq zewg 'legs' Home u Away barra l-finali li jintlaghbu f' post newtrali maghzul mill-assocjazzjoni.

Il-kompetizzjonijiet ser jibdew fl– 24 ta' Ottubru bil-finali jintlaghbu bejn it-28 ta' Novembru u l-1 ta' Dicembru. Il-poloz ser jittellghu fis– 6 ta' Ottubru.

It-timijiet rebbieha ta' kull kompetizzjoni 'knockout' jirbhu € 400 kull wiehed filwaqt li t-timijiet telliefa fil-finali jirbu € 200 kull wiehed.

## CHRISTMAS CUP

Il-kompetizzjoni tal-Milied, riservata ghat-timijiet, tintlaghab fix-xahar ta' Dicembru fuq bazi ta' 'knockout' bil-loghob kollu jintlaghab fuq imwejjed newtrali, maghzula mill-assocjazzjoni, gewwa clubs li jkunu qedin jippartecipaw fl-istess kompetizzjoni. Kull club jista' jdahhal tim wiehed biss u jista' jaghmel uzu mill-players kollha registrati fil-club tieghu fil-bidu tal-istagun. L-ebda tim ma jigi 'seeded' f' din il-kompetizzjoni. Il-loghob ta' din il-kompetizzjoni huwa pjanat li jsir bejn l-4 u 27 ta' Dicembru 2023.

## EASTER CUP

Il-kompetizzjoni tal-Ghid il-Kbir ser tintlaghab fix-xhur ta' Frar u Marzu. Din il-kompetizzjoni ser tkun maqsuma f' zewg kategoriji bl-ewwel kategorija tinkludi timijiet tal-kampjonati Premier u l-Ewwel Divizjoni filwaqt li l-kategorija l-ohra tkun komposta minn timijiet tat-Tieni u t-Tielet Divizjonijiet. Il-loghob kollu jintlaghab f' postijiet newtrali filwaqt li l-ebda tim ma huwa ser jigi 'seeded'. Il-loghob kollu huwa pjanat li jsir bejn is-26 ta' Frar u s-27 ta' Marzu 2024.

## SUPER CUP

Is-Super Cup tlaqqa r-rebbieha tal-kampjonati Premier u r-rebbieha tal-kompetizzjoni 'Knockout' riservata ghat-timijiet Premier u l-Ewwel Divizjoni. F' kaz li l-istess tim jirbah iz-zewg unuri t-tim li jispicca fit-tieni post tal-kampjonati Premier jirbha il-post fil-finali ta' din il-kompetizzjoni. Id-data ta' din il-finali ser tithabbar izjed tard.

# KAMPJONATI EWROPEJ 2024

Il-kampjonati Ewropej 2024 ser issiru gewwa The Gleneagles Hotel, gewwa Killarney l-Irlanda, bejn l-24 u l-29 ta' Frar 2024. L-assocjazzjoni tikkonferma li ser tibghat erba' timijiet jirraprezentaw lil Malta f' dawn il-kampjonati u ser tkun qeda tahdem biex izzid tim fil-kategorija Under 23's.

Il-metodu tal-ghazla tat-timijiet nazzjonali ser tkun kif indikat hawn taht:

## Tim tal-Irgiel u Over 50's (6 players kull tim)

F' kaz li s-sitt ranking tournaments ikunu jaghmlu parti mill-kwalifikazzjoni ghall-kampjonati Ewropej:

- Il-players rebbieha tal-ewwel erba' Ranking Tournaments
- Il-player fl-ewwel post tal-klassifika ta' ranking points fi tmiem il-hames ranking tournament
- Il-player fl-ewwel post tal-klassifika ta' ranking points fi tmiem is-sitt ranking tournament

F' kaz li erba' ranking tournaments ikunu validi ghal kwalifikazzjoni ghall-kampjonati Ewropej:

- Il-players rebbieha tal-ewwel erba' Ranking Tournaments
- L-ewwel zewg players tal-klassifika ta' ranking points fi tmiem ir-raba ranking tournament

## Tim Under 18's u Over 60's u f' kaz tal-Under 23's: (4 players kull tim)

F' kaz li s-sitt ranking tournaments ikunu jaghmlu parti mill-kwalifikazzjoni ghall-kampjonati Ewropej:

- Il-players rebbieha tal-ewwel zewg Ranking Tournaments
- L-ewwel zewg players tal-klassifika ta' ranking points fi tmiem is-sitt ranking tournament

F' kaz li erba' ranking tournaments ikunu validi ghal kwalifikazzjoni ghall-kampjonati Ewropej:

- Il-players rebbieha tal-ewwel zewg Ranking Tournaments
- L-ewwel zewg players tal-klassifika ta' ranking points fi tmiem ir-raba ranking tournament

L-assocjazzjoni tiggarantixxi l-hlas lill-players tat-timijiet kollha msemmija hawn fuq.  Dawn jinkludu titjiriet minn u lejn Malta, trasferimenti kollha f' coach, akkommodazzjoni fuq bazi ta' bed & breakfast fi kmamar gewwa l-lukanda fejn ser jintlaghab il-loghob kif ukoll il-hlas tal-ikla tal-prezentazzjoni.

# KAMPJONATI MONDJALI 2024

Il-kampjonati mondjali huma mistenija jsiru gewwa Albury, l-Awstralja bejn is-17 u 26 ta' Mejju 2024. Il-pajjizi membri fi hdan il-World Eight Ball Pool Federation ser jiltaqghu fl-ahhar ta' Settembru 2023 biex issir l-ahhar kunsiderazzjoni tal-organizazzjoni ta' dawn il-kampjonati.

Ghaldaqstant l-assocjazzjoni ser tistenna d-decizjoni finali u wara thabbar id-decizjoni rigward il-participazzjoni f' dawn il-kampjonati.

Informazzjoni ulterjuri ser tigi publikata aktar il-quddiem.